MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 19/2022 LM

**Saviour Abela (K.I. nru. 253345M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Saviour Abela (K.I. 253345M)**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tal-11 ta' Novembru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata"], li permezz tagħha l-Arbitru ikkonferma d-deċiżjoni tal-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [hawnhekk 'l-appellat'] li ġiet

ikkomunikata lill-appellant permezz ta' ittra datata 2 ta' Settembru, 2021, filwaqt li ċaħad l-appell tar-rikorrent.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent kien qiegħed jirċievi l-Għajnuna għall-Mard. Spjega li dan il-benefiċċju ġie mwaqqaf permezz ta' ittra tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li ġiet ikkomunikata lill-appellant fis-27 ta' Awwissu, 2020. Fl-appell tiegħu quddiem il-Bord li ġie ppreżentat fit-2 ta' Settembru, 2021, l-appellant qal li ma kellu l-ebda raġuni għalfejn jagħti informazzjoni skorretta lid-Dipartiment, u ddikjara li m'għandux mezzi finanzjarji li bihom seta' jeċċedi l-massimu stabbilit mil-liġi. Id-Direttur Ġenerali intimat, f'ittra mibgħuta lill-Arbitru fis-16 ta' Ġunju, 2022, spjega li l-Għajnuna għall-Mard li kien qiegħed jirċievi r-rikorrent ġiet imwaqqfa għaliex minn stħarriġ li sar, irriżulta li r-rikorrent kellu riżorsi kapitali li bihom kien jeċċedi l-massimu ta' €14,000 stipulati mil-liġi.

**Mertu**

3. Jirriżulta li d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali kien bagħat ittra lir-rikorrent fit-27 t'Awwissu, 2021, fejn infurmah li r-riżorsi kapitali tiegħu jeċċedu l-massimu stabbilit mit-test tal-mezzi kif provdut fit-Tieni Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u għalhekk ir-rikorrent m'għadux jissodisfa l-kriterji stabbiliti bil-liġi għall-għoti tal-imsemmi benefiċċju.

4. Ir-rikorrent **Saviour Abela** wieġeb li huwa m'għandu l-ebda raġuni għalfejn jagħti informazzjoni skorretta lid-Dipartiment dwar l-introjtu tiegħu,

għaliex illum huwa raġel anzjan, uliedu miżżewġin, u huwa jieħu ħsieb jamministra flusu. Qal ukoll li huwa m'għandu l-ebda mezzi finanzjarji li b'xi mod jeċċedu l-ammont stipulat fil-liġi, jew li b'xi mod jiġġustifikaw id-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali intimat fil-konfront tiegħu. Qal ukoll li d-Dipartiment għandu jisma' l-verżjoni tiegħu dwar id-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu. Ir-rikorrent ippreżenta *affidavit* quddiem l-Arbitru, fejn spjega li huwa l-kap tal-familja, u missier ta' tliet itfal. Qal li permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia tat-30 ta' Lulju, 2021, huwa ttrasferixxa vettura tal-għamla Renault Master (*Camper*) favur bintu Marika Anastasi. Ir-rikorrent spjega li missieru kien miet fl-1972, u dan kien ħalla lis-seba' uliedu eredi tiegħu, il-fond konsistenti f'*town house,* li tinsab fi Triq it-Telgħa tal-Foss, il-Birgu, li nbiegħ fit-30 ta' Lulju, 2021, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maria Graziella Stellini. Ir-rikorrent spjega li s-sehem tiegħu minn dan il-bejgħ kien ta' €32,151.43, u peress li uliedu kellhom self bankarju u piżijiet finanzjarji oħra, huwa ħaseb li għandu jgħaddi dawn il-flus lilhom sabiex ikunu jistgħu jixtru *camper* li jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu bejniethom. Qal li uliedu ma ridux jaċċettaw wirt tal-ebda xorta mingħandu, u għalhekk qablu bejniethom li l-*camper* jgħaddi għand bintu Marika Anastasi li tinsab għaddejja minn problemi minħabba separazzjoni u kundizzjonijiet mediċi, u għalhekk ħasbu li tkun tista' tgawdi din il-vettura ma' uliedha. Ir-rikorrent qal li huwa għandu sebgħa u sebgħin sena, huwa armel, u f'ħajtu għaddej minn tbatijiet kbar. Qal li din kienet l-unika darba li huwa wiret xi ħaġa mingħand missieru, u huwa għadda dawn il-flus lil bintu bħala ħlas għall-għajnuna li ilha tagħtih matul is-snin.

5. Ix-xhud **Marika Anastasi** fl-*affidavit* tagħha qalet li fil-15 ta' Settembru, 2021, irċeviet b'titolu ta' donazzjoni mingħand missierha l-vettura tal-għamla Renault Master bin-numru ta' reġistrazzjoni JAS110). Qalet li din id-donazzjoni missierha għamilha bħala kumpens għas-serviġi li hija pprestat lilu tul is-snin, u in vista tal-fatt li hija għadha tieħu ħsieb il-ħtiġijiet ta' missierha ta' kuljum.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-11 ta' Novembru, 2022, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell kif ġej:

> ***"Fatti tal-Każ***
>
> *Illi l-appellant kien persuna waħdu stante li mietet martu u kien benefiċjarju tal-Għajnuna għall-Mard.*
>
> *Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ data 30 ta' Lulju, 2021, l-Appellant flimkien ma' ħutu, ittrasferixxa proprjetà a favur in-Nutar Maria Graziella Stellini, proprjetà bil-prezz ta' €250,000. L-appellant kien wieħed minn sitt vendituri skont il-kuntratt.*
>
> *Illi permezz ta' att ta' Donazzjoni datat 15 ta' Settembru, 2021, fl-atti tan-Nutar Dr. Daniel John Bugeja, l-appellant assenja b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli lil bintu, Marika Anastasi, vettura ossia Camper tal-għamla Renault Master, numru ta' reġistrazzjoni JAS 110.*
>
> *Illi l-Appellant kien qiegħed jipperċepixxi benefiċċju konsistenti fl-Għajnuna għall-Mard u dan twaqqaf permezz ta' deċiżjoni tad-Direttur (Sigurtà Soċjali) ikkomunikata permezz ta' ittra ossia deċiżjoni datata 27 ta' Awwissu, 2021. Dan peress illi minn stħarriġ li sar, l-Appellant kien eċċeda l-massimu stabbilit mil-liġi u ċioe s-somma ta' €14,000. Illi l-appellant appella fit-2 ta' Settembru, 2021.*
>
> *Illi l-Appellant ipprova jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu billi jgħid li huwa wiret flus iżda inxtara* camper van *u dan ġie trasferit lil bintu u dan rappreżentanti serviġi peress illi hija kienet tieħu ħsiebu għaliex huwa kellu ż-żmien, martu kienet nieqsa u ma kien jaf jagħmel xejn u għalhekk kien totalment dipendenti minnha.*

***Kunsiderazzjonijiet***

*Illi l-Appellant kien jirċievi Għajnuna għall-mard, għajnuna illi ma tingħatax jekk l-assi kapitali ta' persuna jeċċedu l-€14,000 peress illi huwa kien waħdu u mhux miżżewweġ stante li martu mietet.*

*Illi huwa fatt inkontrovertibbli illi l-Appellant eċċeda l-limitu stabbilit mil-liġi f'Settembru 2021 u dan meta huwa biegħ sehmu minn proprjetà immobbli permezz ta' att pubbliku. Id-dokumentazzjoni ossia* statements *bankarji wkoll jikkonfermaw dħul tas-somma ta' €32,151.43 fit-2 t'Awwissu, 2021. Id-deċiżjoni li tiġi sospiża l-Għajnuna għall-Mard ittieħdet fit-23 t'Awwissu, 2021.*

*Illi kien biss f'Settembru 2021, wara illi l-Appellant ġie infurmat bid-deċiżjoni tad-Direttur, illi l-Appellant deher fuq att ta' donazzjoni favur bintu. Dan nonostante illi huwa ġibed €33,000 mill-kont tiegħu fid-9 t'Awwissu, 2021.*

*Illi l-Arbitru josserva illi l-aħwa kollha rrikonoxxew il-fatt illi l-vettura, allegatament b'valur ta' oltre €32,000, ingħatat lil oħthom minħabba serviġi u ċioe in rappreżentanza ta' għajnuna illi bintu kienet qed tagħtih kontinwament sabiex ikun jista' jgħix.*

*Illi madanakollu l-Arbitru jrid jiddeċiedi dwar jekk, id-deċiżjoni tad-Direttur tat-23 t'Awwissu kinitx korretta.*

*Illi in vista taċ-ċirkostanzi, b'mod partikolari l-fatt illi d-donazzjoni saret wara t-23 t'Awwissu, 2021, l-Arbitru jista' biss jikkonkludi illi fil-ġurnata tad-deċiżjoni, kien minnu illi l-Appellant ma kienx jikkwalifika għall-Għajnuna tal-mard peress illi l-mezzi tiegħu kienu jeċċedu l-massimu stabbilit mil-liġi. Dwar jekk id-donazzjoni hijiex ġustifikazzjoni o meno sabiex jiġi kkunsidrat bħala eliġibbli għall-Għajnuna tal-Mard mid-data tad-donazzjoni, l-Arbitru ma jistax jidħol f'din il-kwistjoni għaliex il-każ odjern huwa limitat għad-deċiżjoni tad-Direttur (Sigurtà Soċjali) meħuda fit-23 t'Awwissu, 2021 u kwalsiasi kumment jew kunsiderazzjoni, imur oltre l-kompitu tal-Arbitru fil-każ odjern.*

***Decide***

*Għaldaqstant l-Arbitru:*

1. *Jiċħad l-appell tal-appellant;*
2. *Jikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur (Sigurtà Soċjali) tat-23 t'Awwissu, 2021."*

**L-Appell**

7. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fis-16 ta' Diċembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata li sabet li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali kienet korretta, u tilqa' l-aggravji tal-appellant, tiddeċiedi li dan ma jeċċedix il-kapital ta' €14,000 kif stabbilit fil-liġi, u tiddeċiedi li huwa ntitolat għall-Għajnuna għall-Mard.

8. L-appellant qal li meta huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, huwa spjega b'mod ċar u tanġibbli kif kien wiret il-flus darba waħda f'ħajtu, fl-ammont ta' €32,151.43, u huwa kien għadda dawn il-flus lil bintu sabiex hija taqta' x-xewqa li kellha li tixtri *camper van.* Qal li huwa għaddielha dawn il-flus bħala ħlas għas-serviġi għaliex kienet hija li daret bih wara l-mewt ta' martu. Qal ukoll li din id-donazzjoni saret fit-23 t'Awwissu, 2021, wara li huwa wiret il-flus fit-30 ta' Lulju 2021, filwaqt li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat ingħatat fis-27 t'Awwissu, 2021.

9. L-appellant qal li l-ewwel aggravju tiegħu huwa dwar il-perijodu qasir ta' żmien bejn l-għoti tal-wirt, id-donazzjoni, u ż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni mid-Dipartiment li huwa ma jikkwalifikax aktar għall-Għajnuna għall-Mard. Qal li l-proprjetà nbiegħet fit-30 ta' Lulju, 2021 bil-prezz ta' €250,000, u huwa messu s-somma ta' €32,151.43 minn dan il-bejgħ. Żied jgħid li l-Arbitru ma rrealizzax li huwa għandu tliet itfal li magħhom ried jaqsam ix-xewqa li kellu li jħallas lil bintu għas-serviġi. Qal li ż-żmien li għadda bejn il-bejgħ u d-donazzjoni ma kienx wieħed twil, partikolarment meta wieħed jikkonsidra li huwa ma ħallasx għas-serviġi permezz ta' flus kontanti iżda permezz ta' *camper van,* u għalhekk fl-

ewwel lok kellu jsib vettura ta' dan it-tip li kienet għall-bejgħ. Qal li huwa lil bintu ried jagħtiha xi ħaġa li jaf li xtaqet u li ser tagħmel użu minnha bħala tpattija għas-serviġi pprestati minnha tul is-snin.

10. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant qal li l-Arbitru bl-ebda mod ma implika li donazzjoni setgħet kienet ibbażata fuq motiv abbużiv, tant hu hekk li lanqas biss ikkonsidra din il-ħaġa. L-appellant żied jgħid li mkien fl-ordinament ġuridiku tagħna m'hemm regolat kif għandhom jinġiebu l-provi quddiem min jiġġudika, u l-aktar fattur importanti huwa li l-każ jiġi trattat, u li l-parti tressaq l-aħjar prova li għandha. Qal li fl-ordinament ġuridiku tagħna, il-parti titħalla fil-libertà li tressaq l-aħjar prova, u fi kwalunkwe każ il-leġislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza tal-evidenza miġjuba, milli l-forma tagħha jew il-mod kif din tiġi akkwiżita.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. Id-Direttur Ġenerali appellat, fir-risposta tiegħu qal li d-deċiżjoni appellata hija ekwa u ġusta, u l-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, l-appellat qal li d-domanda li trid tiġi mwieġba hija jekk huwa mexiex mal-liġi meta waqqaf l-Għajnuna għall-Mard li kien qiegħed jirċievi l-appellant. L-appellat spjega li l-Għajnuna għall-Mard hija regolata bit-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u jispeċifika x'inhuma l-kundizzjonijiet, partikolarment dawk fir-rigward tal-assi kapitali tal-persuna, biex tikkwalifika għal dan il-benefiċċju. Qal li fost dawn l-assi, hemm il-flus fil-bank u fl-idejn li persuna jista' jkollha, u li kruċjalment dawn ma jistgħux jaqbżu €14,000. L-appellat spjega li

fil-mument li l-appellant irċieva l-flus mill-bejgħ tal-proprjetà li wiret (€32,151.43), huwa ma kienx għadu jikkwalifika għall-Għajnuna għall-Mard, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu kienet ġustifikata u bbażata fil-liġi. Qal li għalhekk l-Arbitru kienet korretta meta qieset li fil-mument li l-appellat ħa d-deċiżjoni tiegħu, huwa mexa b'mod legalment korrett, u l-kwistjoni dwar kif l-appellant iddispona minn ġidu wara din id-deċiżjoni u anke wara li sar l-appell quddiem l-Arbitru, hija irrilevanti. L-appellat qal li dan huwa każ fejn l-appellant żvesta ruħhu minn assi li kellu, sabiex ikun jista' jibqa' jiddependi fuq il-benefiċċji soċjali, meta huwa kellu l-mezzi biex ma jiddependix fuq dawn il-benefiċċji. L-appellat qal li fil-każ odjern mhuwiex ċar kif l-appellant għamel użu mill-flus li wiret, u minkejja li implika li huwa għamel użu minnhom biex xtara *camper van,* u tah lil bintu, ma nġabet l-ebda prova tal-valur ta' din il-vettura. Żied jgħid li dan mhux każ fejn l-appellant għamel użu mill-flus li wiret biex għamel xi tiswijiet fid-dar jew biex iħallas djun, u huwa stess ammetta li ma kellux bżonn il-flus li wiret. L-appellat qal li l-appellant ma kellu ebda obbligu jixtri dan il-*camper van* għal bintu, u dan għażel li jagħmel hekk kompletament minn jeddu u mingħajr ebda obbligu, ta ġidu jew il-parti l-kbira tiegħu lil bintu, u għalhekk effettivament dan kien qiegħed jiżvesti ruħhu minn assi, filwaqt li issa jippretendi li jirċievi l-Għajnuna għall-Mard. Qal ukoll li l-fatt li kollox sar f'qasir żmien huwa irrelevanti, u l-kwistjoni kollha ddur ma' jekk huwa kienx korrett fid-deċiżjoni tiegħu tas-27 t'Awwissu, 2021. L-appellat qal ukoll li l-fatt li d-donazzjoni tal-*camper van* b'valur mhux magħruf, saret wara li tressaq l-appell mill-appellant quddiem l-Arbitru, jindika li dan kollu sar b'qerq u bl-iskop li l-appellant ikun jista' jargumenta quddiem l-Arbitru li huwa jistħoqqlu jirċievi dan il-benefiċċju.

12. L-appellat qal li fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jagħmel diversi osservazzjonijiet dwar ir-regoli applikabbli għall-produzzjoni tal-provi, iżda li l-appellant mhux daqstant ċar fl-argumentazzjoni tiegħu. Żied jgħid li l-appellant donnu qed jargumenta li l-Arbitru kienet skorretta meta kkonkludiet li hija ma setgħetx tindaga dwar jekk huwa kienx intitolat għall-Għajnuna għall-Mard mid-data tad-donazzjoni, iżda dan l-argument huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt. Qal li d-dmir tal-Arbitru kien li tirrevedi d-deċiżjoni mogħtija minnu fit-27 t'Awwissu, 2021, wara li huwa kkonkluda li l-appellant ma kienx għadu intitolat għall-Għajnuna għall-Mard, u ladarba l-appellant appella minn dik id-deċiżjoni, l-Arbitru kellha tiddeċiedi biss jekk dik id-deċiżjoni kinitx waħda korretta. L-appellat qal li l-appellant effettivament stieden lill-Arbitru tiddeċiedi jekk huwa kienx intitolat għall-Għajnuna għall-Mard mid-data tad-donazzjoni. L-appellat qal li m'hemm xejn li jżomm lill-appellant milli jagħmel talba ġdida għall-Għajnuna għall-Mard, u wara li din tiġi evalwata, l-appellant jingħata deċiżjoni mill-ġdid, bid-dritt li jerġa' jappella f'każ ta' nuqqas ta' qbil ma' din id-deċiżjoni. Qal li l-Arbitru għamlet dak li kellha tagħmel, u kkonkludiet li din id-deċiżjoni kienet waħda ġusta u konformi mal-liġi, u li ma kienx kompitu tagħha li tara, jekk wara li sar l-appell quddiemha, l-appellant kienx jikkwalifika għall-Għajnuna għall-Mard. L-appellat qal li għalhekk l-osservazzjonijiet kollha tal-appellant dwar xi provi jistgħu jittellgħu fi proċeduri kontenzjużi, huma kompletament irrilevanti, għaliex qatt ma tqajmet kwistjoni dwar xi provi jistgħu jittellgħu jew le, iżda l-punt kollu huwa taħt liema parametri l-Arbitru kellha tiddeċiedi l-każ li kellha quddiemha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13 . Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mid-Direttur Ġenerali appellat, u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[il-perijodu ta' żmien li fih seħħew l-avvenimenti li wasslu għall-ineliġibbilità tal-appellant għall-ħlas tal-benefiċċju]*

14. L-appellant jikkontendi li l-Arbitru kellha tikkonsidra il-perijodu qasir ta' żmien bejn meta huwa rċieva l-flus mill-bejgħ tal-proprjetà li ħalla missieru b'wirt, id-data meta huwa ġie mgħarraf li ma kienx għadu jikkwalifika għall-Għajnuna għall-Mard, u d-data meta l-appellant ta d-donazzjoni lil bintu bħala rikonoxximent għas-serviġi reżi lilu matul is-snin.

15. Il-Qorti hawnhekk taqbel mal-pożizzjoni li ħa d-Direttur Ġenerali appellat, li fir-risposta tiegħu spjega li l-unika konsiderazzjoni li kellha tagħmel l-Arbitru qabel tasal għad-deċiżjoni tagħha, kienet jekk f'xi mument partikolari l-appellant irċieva somma flus li teċċedi l-massimu tal-kapital permess mil-liġi, u minħabba f'hekk huwa ma baqax eliġibbli għall-Għajnuna għall-Mard li kienet tingħatalu. Il-Qorti tosserva li fil-każ odjern ġie ppruvat li l-appellant irċieva somma flus fl-ammont ta' €32,151.43 provenjenti mill-bejgħ ta' proprjetà li kellu missieru, u hekk kif l-appellant irċieva din is-somma flus, li teċċedi l-massimu tal-kapital permess bil-liġi b'aktar mid-doppju, huwa ma baqax eliġibbli għall-Għajnuna għall-Mard li kien qiegħed jirċievi. Kienet għalhekk f'waqtha d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant li jwaqqaf il-benefiċċji li

kien qiegħed jirċievi l-appellant, għaliex hekk kif huwa rċieva f'ismu dik is-somma flus, huwa rrenda lilu nnifsu ineliġibbli għall-għajnuna soċjali li kien qiegħed jingħata. Il-fatt li wara ftit ġranet biss l-appellant iddeċieda li jixtri vettura sabiex jgħaddiha lil bintu b'titolu ta' donazzjoni bħala ħlas għas-serviġi pprestati lilu tul is-snin, huwa fattur li d-Direttur Ġenerali appellat ma kellux jikkonsidra, u l-Arbitru ma kellhiex għalfejn tieħu konjizzjoni tiegħu lanqas, għaliex il-*punctum temporis* li kellha tikkonsidra l-Arbitru kien il-mument li fih l-appellant irċieva s-somma flus li teċċedi l-massimu stabbilit mil-liġi. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: [ebda motiv abbużiv; il-provi li tressqu]*

16. Minkejja li t-tieni aggravju sollevat mill-appellant mhux daqstant ċar, jidher li l-appellant qiegħed jirrileva li l-Arbitru imkien ma qalet li d-deċiżjoni tiegħu li jagħti l-flus li wiret lil bintu, kienet immotivata minn abbuż jew qerq. L-Arbitru fil-fatt ma kellhiex għalfejn fid-deċiżjoni tagħha tikkonsidra l-motiv wara d-donazzjoni, għaliex l-unika ħaġa li kellha għalfejn tikkonsidra kienet jekk huwiex minnu li l-appellant irċieva somma flus in eċċess tal-massimu permess mil-liġi. Ladarba dan ġie stabbilit, ma kien hemm għalfejn issir l-ebda indaġini ulterjuri da parti tal-Arbitru, għaliex il-provi esebiti kienu suffiċjenti biex din tieħu d-deċiżjoni tagħha in sostenn ta' dak li kien iddeċieda d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali qabilha.

17. Il-punti li jqajjem l-appellant dwar il-kwalità tal-provi mressqa minnu, m'għandhom l-ebda rilevanza f'dan l-appell, għaliex l-Arbitru kienet qiegħda tinvestiga d-deċiżjoni tal-appellat li jwaqqaf l-Għajnuna għall-Mard li kien

jirċievi l-appellant. L-appellant donnu qiegħed jargumenta li mill-mument li fih huwa nefaq il-flus li messew lilu mill-bejgħ tal-proprjetà mill-wirt ta' missieru, u għalhekk presumibbilment kien fadallu bilanċ li huwa inqas mill-€14,000 permessi mil-liġi, huwa kien eliġibbli għall-Għajnuna għall-Mard li kien qiegħed jirċievi. Dan huwa mertu ta' applikazzjoni ġdida li jista' jagħmel l-appellant mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u mhux mertu li jista' jiġi deċiż b'dan l-appell. Mill-provi prodotti ma jistax jingħad li l-appellant baqa' eliġibbli għall-Għajnuna għall-Mard wara li rċieva l-flus provenjenti l-bejgħ tad-dar ta' missieru, u għalhekk kwalsiasi kumment dwar il-kwalità tal-provi miġjuba m'huwa tal-ebda rilevanza għall-mertu li jrid jiġi deċiż b'dawn il-proċeduri. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**